# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' April 2016**

**Rikors Numru 269/15 FDP**

**Burmarrad Commercials Limited**
**(C 13537)**

**vs**

**Maritime Merchants Limited gia C-Shipping Trading Limited**
**(C 59937)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Settembru 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u sebgha u sebghin Euro u dsatax-il centezmu (€10,877.19) rapprezentanti prezz ta' kiri ta'karozza abbazi ta' vehicle lease agreement li sar f'Mejju 2013.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatrju ippresentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-proceduri tal-affissjoni u dana billi twahhlet l-avviz u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Kunsill Lokali Ta' Birkirara, l-Ghassa tal-Pulizija, Birkirkara u fl-indirizz tas-socjeta intimata (fol 9 tergo), kif ukoll l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Marzu 2016 (fol 10) u fil-gazzetta The Times of Malta ta' l-1 ta' April 2016 (fol 13)

Illi fis-seduta ta' l-4 ta' Apriil, 2016 s-socjeta attrici ipprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 16).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' April 2016, is-socjeta konvenuta u rappresentant taghha gew imsejjha diversi drabi izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u sebgha u sebghin Euro u dsatax-il centezmu (€10,877.19) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**